# Fejn il-Malti u t-Taljan jaqblu

Ta' Ivo Muscat Azzopardi

Fl-ilsien Malti, li beda jinkiteb tajjeb taħt forma standardizzata mill-1921 'il hawn, għad hemm xi kliem—l-aktar kliem meħud minn ilsna barranin—li mhux kulħadd jiktbu l-istess; p.e. il-plural tal-kelma "kattolika" hemm min jiktibha "kattoliki" (skond il-grammatka Maltija) u min "kattoliċi" (sewra Taljana għax il-kelma ġejja mit-Taljan).

Barra dan, minħabba li ċerti kittieba li jafu l-Malti bi prattika u mhumiex fitti biżżejjed fit-tagħlim, ma joqogħdux jorqmu kitbiethom, xi kliem bil-Malti jiktbuh ħażin. Dan il-kliem aktarx jikkonsisti fi kliem speċjali li fl-istruttura tiegħu huwa eċċezzjoni għar-regula. Per eżempju: *hieni* li ġejja minn *hena* jiktbuha *ħieni*; *theiji* li ġejja minn *hejja* jiktbuha *tħejji*.

U ma għandniex għax nistagħġbu jekk minn hawn u ftit snin oħra l-grammatki Maltin jordnawlna biex niktbu "ħieni" flok "hieni", "serduq" flok "serduk", "tgħajn" flok "tgħin".

Bħalissa qed nara quddiem għajnejja nofs tużżana min-nies—*egħdewwa tal-Malti* sempliċement għax rashom ma tistax tarfa' aktar minn żewġt ilsna u lilhom għoġobhom jagħżlu, għalihom u għal uliedhom, it-Taljan u l-Ingliż, flok tqanżħu ftit u żiedu magħhom "ilsien arthom"—jidħku kemm jifilħu, iħokku idejhom ma' xulxin u jogħxew bil-pjaċir taili aħna tal-"Għaqda" ninsabu ftit imfixklin u mifxulin minn dawk il-ftit Maltin li minħabba nuqqas ta' studju, jew minħabba s-suppervja, qed joħolqu, mingħalihom, dis-sitwazzjoni mwiegħra.

Aħna minflok li bil-kalma tagħna dejjem nosservaw x'jagħmlu l-oħrajn, fosthom it-Taljani (għax aħna billi nħobbu ħafna l-Malti ma jfissirx li ma nħobbux ukoll it-Taljan) għandna quddiem għajnejna artikolu interessanti ħafna li deher fil-"La Domenica del Corriere" Nru. 47 tat-22 ta' Novembru, 1953, paġna 10, iffirmat Mosca jismu "La lingua italiana questa sconosciuta".

Dan is-Sur Mosca, milli jidher, mhux preġudikat bħall-kotra tal-legali tagħna, li, għal raġuni misterjuża għadhom jikkumbattu l-Ilsien Malti u jridu jivvendikaw ruħhom minnu billi jiktbuh ħażin.

Jaqraw ftit il-legali tagħna dan l-artikolu fuq imsemmi u bħali jaraw "fejn il-Malti u t-Taljan jaqblu".



Jaqblu għax fiż-żewġ popli hemm għadd kbir fosthom li ma jridux jafu iżjed bi studju u jien inħoss li l-akbar żewġ egħdewwa tal-letteratura huma: it-Talkies u l-Football.

Aħna għandna xi kelma 'l hinn u 'l hawn li min jiktibha mod u min jiktibha ieħor. Imma milli jidher fl-ilsien Taljan il-marda daħlet iżjed 'il ġewwa għalkemm l-ortografija Taljana suppost li ilha stabbilizzata għal sekli sħaħ.

L-awtur ta' l-artikolu fuq imsemmi jelenka dan il-kliem fost ħafna oħrajn: arancia jew arancio; ciliege jew ciliegie; camicie jew camice; audacie jew audace; (bħal dan il-kliem hemm għadd kbir, p.e. froge, grige, bige, acace, eċċ., kollha miktubin ħażin); ovverossia jew ovverosia; pressocchè jew pressochè).

U x'ingħidu mbagħad għal dawk l-aġġettivi li jixbhu lil xulxin u jfissru ħwejjeġ differenti u min ma jafx ħallih igħaffeġ bħal: olimpico, olimpionico u olimpiaco.

Kif ukoll kliem li jintuża flok ieħor, bħal: scoperta u invenzione, eċċ., eċċ.

Nagħlaq billi ntenni li l-Maltin u t-Taljani jaqblu fl-affari tal-Letteratura. It-tnejn ma jridux jafu aktar bi studju. Logħob biss!!

---

## .....IMMA!

*Ta'* Manwel Cassar

Id-dinja għandha raġun li tidħak bija
    Kull darba li tismagħni nibki d-dwejjaq
Għax hi ma tistenniex snin iż-żgħożija
    Ikunu mnikkta: jien ma nlumx lill-ħlejjaq
Li jkemmxu wiċċhom xħin jisimgħu kliemi.
    Hadd ma jistenna l' għandu jkun imdardar,
L-ilma ta' wied li messu safi u ħiemi,
    Jew li jkun hemm l-inxif fejn messu mħaddar,
Jew li ma jarmix dawl ilsien ta' xemgħa,
    Jew li ma jgħannix ħelu fomm għasfur,
Jew li mudlam issib tas-sajf is-sema.
    Jew li ma ssibx il-fwieħa f'qalb il-fjur;
'Mma jien li naf bid-djieq f'qalbi maħżun
    Naf li m'hemm xejn li ma jistax ikun.
12. 11. 52.